**MALTA**

**TRIBUNAL GHAL TALBIET ŻGHAR**

**ĠUDIKATUR**
**DR. ANNA MALLIA**

**Seduta tal-20 ta' Novembru, 2018**

**Talba Numru: 88/2018 AM3**
**Numru fuq il-Lista: 37.**

**The Catering Centre Limited**

**Mosta Road**

**St Paul' Bay**

**Vs**

**Dallo Limited (C71141)**

**White Hall Mansions**

**Flat 13, Luqa Briffa Street,**

**Gzira**

It-Tribunal,

Din hija sentenza dwar il-kap tal-ispejjez stante li fil-mori s-socjeta' konvenuta hallset is-sorte.

Illi fl-Avviz tat-Talba prezentat fis-07 ta' Marzu, 2018 is-socjeta' attrici talbet minghand is-socjeta' konvenuta l-hlas ta' tmien mija u sebgha u tmenin ewro u sitta u sittin centezmu (€887.66c) dovuta in konnessjoni ma' apparat tal-catering li akkwistat is-socjeta' konvenuta minghand l-istess socjeta' attrici.

Illi s-socjeta' konvenuta ghalkemm debitament notifikata bl-Avviz tat-Talba u bl-Avviz tas-Smigh baqghet ma kkontestatx it-talba u lanqas ma deher hadd mis-socjeta' konvenuta biex jikkontesta t-talba.

Ra l-verbal tas-seduta tal-20 ta' Novembru, 2018 li permezz tieghu s-socjeta' konvenuta giet dikjarata kontumaci.

Ra li skont l-istess verbal is-socjeta' attrici informat lit-Tribunal li s-sorte thallas u jonqos biss decizjoni dwar il-kap tal-ispejjez.

Ra li hadd mis-socjeta' konvenuta rega ma deher.

Ghaldaqstant dan it-Tribunal jaqta' u jiddeciedi billi jordna lis-socjeta' konvenuta thallas lis-socjeta' attrici l-ispejjez ta' din l-kawza.

**Dr Anna Mallia**

**Gudikatur**